MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 30/1993/1

**Salvu Vella**

**-vs-**

**Joseph Vella, Carmela xebba Vella u Georgia xebba Vella, Carmelo Vella u l-istess Joseph Vella li b'digriet tad-19 ta' Frar 1993 gie nominat kuratur deputat sabex jirrapprezenta lill-imsiefer Emanuel Vella**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi fil-25 ta' Settembru 1982 miet fix-Xewkija Ghawdex John Vella u fis-26 ta' Awissu 1985 mietet fix-Xewkija, Ghawdex

Giuseppa mart l-istess John Vella, b'testment unica carta fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tal-24 ta' Frar elf disa' mija u sebgha u sittin (1967) Dok A.

Illi l-imsemmija konjugi Vella hallew jissopravivuhom lis-seba' uliedhom il-kontendenti li lilhom ukoll innominaw bhala eredi universali fi kwoti ta' kwantu ghal Carmela, Georgia, Giusepp, Salvu, Manweli u Karmnu fi kwota zewg parti minn kull tlettax (2/13) kull wiehed u wahda mill-imsemmija sitt ulied u kwantu ghal Francesco Vella f'porzjoni ta' wiehed minn tlettax (1/13) il-parti.

Illi l-esponenti ma jridx jibqa' aktar mal-konvenuti fi stat ta' komunjoni fil-wirt tal-genituri tieghu.

Talab li din il-Qorti:

1. tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Ganni u Giuseppa konjugi Vella billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk is-sustanzi, mobbli u immobbli li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Taqsam l-istess komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidat f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenjahom wahda lill-assi partikolari tal-mejjet Ganni Vella u l-ohra lill-assi partikolari tal-mejta Giuseppa Vella.

3. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Ganni Vella, billi tiddikjara li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidat u f'dawk l-assi l-ohrajn kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

4. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Giuseppa Vella, billi tiddikjara li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidat u f'dawk il-beni l-ohrajn kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

5. Taqsam l-assi partikolari tal-mejjet Ganni Vella f'seba' porzjonijiet u tassenjahom kwantu ghal tnejn minn tlettax-il parti (2/13) lill-kontendenti kollha minbarra l-

konvenut Francesco Vella, filwaqt li tassenja kwota ta' parti wahda minn tlettax-il parti (1/13) lill-konvenut Francesco Vella.

6. Taqsam l-assi partikolari tal-mejta Giuseppa Vella f'seba' porzjonijiet u tassenjahom kwantu ghal zewg partijiet minn kull tlettax-il parti (2/13) lill-kontendenti kollha minbarra Francesco Vella, filwaqt li tassenja l-kwota ta' parti wahda minn tlettax-il parti (1/13) lill-konvenut Francesco Vella.

7. Tinnomina Nutar Pubbliku Malti sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni opportun, fil-gurnata, hin, u lok li jigu prefissi u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni annessa ma' l-att tac-citazzjoni debitament guramentata, il-lista tax-xhieda u d-dokument anness.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha hawn fuq imsemmija fejn eccepew:

1. illi huma ma jopponux ruhhom ghad-divizjoni, kif mitluba, purche' li fl-ewwel lok jigu vverifikati l-kwoti rispettivi tal-partijiet u l-konsistenza tal-assi.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Vella fejn eccepixxa:

1. illi huwa qatt ma oppona ruhu ghal divizjoni tal-wirt tal-genituri taghhom u jirrimetti ruhu ghat-talbiet attrici purche' li jsiru l-verifiki dwar il-konsistenza tal-assi in

divizjoni u s-sehem spettanti lil kull wiehed u wahda mill-partijiet in kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata u l-lista tax-xhieda.

Rat folio 13 it-talba ghan-nomina ta' kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-imsiefer Emanuel Vella.

Rat folios sussegwenti l-ispedizzjoni tal-bandi, l-accettazzjoni ta' l-istess mill-attur Joseph Vella u l-konsegwenti digriet ta' dina l-Qorti diversament preseduta.

Rat folio 51 et seq ir-relazzjoni tal-perit arkitett nominat minn dina l-Qorti diversament preseduta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-wirt li tieghu qeghdha tintalab id-divizjoni huwa dak tal-konjugi John u Giuseppa Vella li mietu rispettivament fil-25 ta' Settembru 1982 u s-26 ta' Awissu 1985. Il-kontendenti huma uliedhom li thallew eredi universali in forza ta' testment ta' l-istess konjugi Vella "unica charta", datat 24 ta' Frar 1967 atti Nutar Giuseppe Cauchi.

Minn dan it-testment, li ebda wiehed mill-kontendenti ma jikkontesta li huwa l-ahhar wiehed maghmul mill-genituri taghhom u li ghandu jirregola l-wirt taghhom, huma gew istitwiti eredi universali f'sehem ta' zewg parti minn kull tlettax (2/13) kull wiehed u wahda minnhom, minbarra Francesco li thalla sehem ta' wiehed minn tlettax-il parti (1/13). In forza ta' 'l fuq imsemmi testment d-decujus

hallew zewg legati: wiehed lil Carmela u Giorgia, xebbiet u Joseph, guvni, sakemm jibqghu f'dan l-istat ta' celibat, u kumulattivament bejniethom, konsistenti l-legat fl-usufrutt tad-dar ta' abitazzjoni taghhom, ossija numru 39, aventi bieb iehor minghajr numru, f'Triq Sansun, Xewkija, inkluz f'dan il-legat in usufrutt il-gardina ta' cirka siegh u nofs annessa mal-fond u l-oggetti mobbli kollha, inkluza, mobilja, bjankerija, oggetti tad-deheb, fidda, hagar u metall prezzjuz, flus u moneta kontanti u "kull haga ohra mobbli fl-istess lok ezistenti fl-epoka tal-mewt tat-testatur superstiti"; it-tieni b'titolu ta' legat "akkont ta' sehmu" lil binhom Salvu Vella l-art deskritta "li tigi taht il-bini li l-istess Salvu Vella bena m'ilhux a spejjez tieghu, liema art fiha faccata ta' tlettax-il pied u twila 'l gewwa tmienja u tletin pied minn fond ikbar spettanti lit-testturi fl-imsemmija Xewkija fi Triq Keraba".

Illi l-perit arkitett nominat, fir-relazzjoni tieghu (folio 51 et seq), ikkonstatata li l-beni in divizjoni, mhux kontestat mill-ebda wiehed mill-kontendenti jikkonsistu:

- f'bicca raba tal-kejl ta' 1174 m.k. maghrufa "Ta' Pacokk", ix-Xewkija;
- f'bicca raba ohra mill-istess territorju ta' kejl ta' 56 m.k.'
- f'bicca raba ta' 749 m.k. maghrufa "tac-Cens" ix-Xewkija;
- f'bicca raba fl-istess territorju "Tac-Cens" ta' 206 m.k.

Illi fl-imsemmija relazzjoni tieghu hemm deskrizzjoni qasira ta' kull porzjon raba fuq elenkata b'pjanta ta' kull wahda u l-valur taghha. Jirrizulta mill-istess relazzjoni li l-porzjoni raba fit-territorju "Ta' Pacokk" tal-kejl ta' 56 m.k. u valur ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) hi l-istess raba li thalliet b'legat "akkont ta' sehmu" lill-attur Salvu Vella.

Illi l-perit arkitett esprima l-opinjoni li l-fondi in divizjoni, eskluzi naturalment il-legati, ma humiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti u a bazi ta' sehemhom.

Ghaldaqstant, u ghall-motivi kif fuq inghad, qeghdha tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet ta' l-atturi u tichad ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u minflok tordna l-licitazzjoni tat-tliet porzjoni raba u cioe':

1. ir-raba ta' kejl ta' 1174 m.k. maghrufa "ta' Pacokk", ix-Xewkija, murija u delinjata fuq il-pjanta relattiva, dok EV 1 - folio 56;

2. ir-raba maghrufa "Tac-Cens" ix-Xewkija ta' kejl ta' 749m.k. murija u delinjata fuq il-pjanta relattiva, dok EV2 - folio 57;

3. ir-raba wkoll maghrufa "Tac-Cens" ix-Xewkija murija u delinjata fuq il-pjanta relattiva dok EV3 - folio 58,

liema rikavat ghandu jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwota lilhom spettanti b'daqstant illi l-attur Salvu Vella ghandu jippercepixxi l-ammont nieqes elfejn lira Maltin (Lm2000) tal-legat "akkont ta' sehmu" imholli lilu bit-testment fuq riferit.

In kwantu ghall-ispejjez dawn ghandhom ikunu a karigu tal-kontendenti kollha skond is-sehem taghhom mill-wirt.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------